VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 313 tal-2011

ATT DWAR IL-KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 47A u 72 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Ħdax-il Skeda". Kap. 363.

Jemenda l-Ħdax-il Skeda.

2. Il-Ħdax-il Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Reġjun Nofsinhar" fl-intestatura tar-raba' kolonna tagħha, għandhom jidħlu l-kliem "Reġjun Xlokk"; u

(b) minflok il-kliem "Reġjun Xlokk" fl-intestatura tal-ħames kolonna tagħha, għandhom jidħlu l-kliem "Reġjun Nofsinhar".